



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 205/23

il-Lussemburgu, 21 ta' Diċembru 2023

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-680/21 | Royal Antwerp Football Club

### Futbol: ir-regoli tal-UEFA u tal-Assoċjazzjoni Belġjana tal-Futbol dwar il- “plejers imrawma lokalment” jistgħu jkunu kuntrarji għad-dritt tal-Unjoni

Plejer tal-futbol u klabb Belġjan ikkontestaw ir-regoli tal-UEFA u tal-Assoċjazzjoni Belġjana tal-Futbol li jimponu li fit-timijiet ikun hemm numru minimu ta' “plejers imrawma lokalment”. Il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li jista' jkun li dan l-obbligu jkiser kemm ir-regoli tal-kompetizzjoni kif ukoll il-moviment liberu tal-ħaddiema. Madankollu, il-qorti nazzjonali adita bil-kawża għandha tivverifika jekk dan huwiex il-każ jew le.

L-UEFA (Union des associations européennes de football) timponi fuq il-klabbs tal-futbol li jkollhom numru minimu ta' “plejers imrawma lokalment” fit-timijiet tagħhom. L-Assoċjazzjoni Belġjana tal-Futbol (URBSFA) adottat regoli simili. Fiż-żewġ każijiet, dawn ir-regoli jiddefinixxu l-“plejers imrawma lokalment” bħala dawk li huma mrawma fuq livell nazzjonali, anki jekk ir-regoli tal-UEFA jirreferu wkoll għall-plejers imrawma fi ħdan klabb individwali.

Plejer professjonali u klabb Belġjan (Royal Antwerp) ikkontestaw dawn ir-regoli quddiem qorti Belġjana. Din iddeċidiet li tagħmel rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma, qabel kollox, li r-regoli tal-UEFA u tal-URBSFA jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, dawn ir-regoli jittrattaw l-eżerċizzju ta' attività ekonomika u professjonali. Għaldaqstant dawn għandhom josservaw ir-regoli dwar il-kompetizzjoni u dwar il-moviment liberu.

Fir-rigward tar-**regoli tal-kompetizzjoni**, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi, sussegwentement, li r-regoli dwar il-plejers imrawma lokalment jistgħu jkollhom bħala għan jew bħala effett li jirrestrinġu l-possibbiltà li għandhom il-klabbs li jikkompetu bejniethom billi jirreklutaw plejers ta' talent, ikun fejn ikun il-post fejn dawn ikunu ġew imrawma. Għandu jingħad li l-futbol ta' livell għoli huwa settur fejn it-talent u l-mertu għandhom rwol essenzjali. Madankollu, hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina jekk dawn ir-regoli jagħtux lok għal restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan innifsu tagħhom jew minħabba l-effetti attwali jew potenzjali tagħhom. Jekk jirriżulta li dan ikun il-każ, xorta jibqa' possibbli, għall-UEFA u għall-URBSFA, li juru li l-imsemmija regoli jistgħu jkunu ġġustifikati, taħt il-kundizzjonijiet imfakkra mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha.

Fir-rigward **tal-moviment liberu tal-ħaddiema**, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li r-regoli inkwistjoni jistgħu joħolqu **diskriminazzjoni indiretta minħabba n-nazzjonalità**, għad-detriment tal-plejers provenjenti minn Stati Membri oħra. Hawn ukoll, xorta jibqa' possibbli għall-UEFA u għall-URBSFA **li juru li minkejja kollox dawn ir-regoli jinkoraġġixxu r-reklutaġġ u t-taħriġ, u li dawn huma proporzjonati għal dan il-għan.**

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li

quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u jekk ikun il-każ, is-sunt](#) tas-sentenza jinsabu fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!

